# IL-MARSA FI ŻMIEN L-IMBLOKK TAL-FRANĊIŻI 1798–1998

## KITBA TA' CHARLES ATTARD



**Charles Attard**

Din is-sena li ninsabu fiha taħbat il-mitejn sena minn meta missirijietna, eżattament fit-2 ta' Settembru, 1798, b'patrijottiżmu kbir, qamu qaqoċċa b'saħħa ta' iljun, kontra l-ħakkiema Franċiżi, li inqas minn tliet xhur qabel kienu ħakmu dawn il-gżejjer u serqu u faqqru lill-Maltin f'taqliba mgħaġġla li missirijietna ma kienux lesti għaliha, wara ħakma ta' kważi 300 sena (1530 sa 1798) li kienu ilhom hawn il-Kavallieri ta' San Ġwann.

Malta ta' l-1798 kienet ferm differenti minn dik ta' llum u tal-bieraħ. Ħafna subborgi u rħula ma kienux jeżistu, fosthom il-Marsa, il-Ħamrun, l-Imsida, tas-Sliema u Raħal Ġdid (ħlief parti żgħira madwar il-knisja ta' Sant Ubaldeska). Il-bqija kien xagħri u għelieqi vasti bejn raħal u ieħor. Saħansitra l-Furjana ma kenitx parroċċa għax flok il-knisja ta' San Publiju kien hemm iċ-ċimiterju tal-Belt, fejn fil-fatt kienu ndifnu ħafna nies li mietu kaġun ta' dan l-imblokk, inklużi Dun Mikiel Xerri u sħabu, martri tar-rewwixta ta' Jannar, 1799, wara li kienu xkubettjati fil-Pjazza tal-Palazz mill-Franċiżi.

### KIENU NĠIEBU L-KANUNI FUQ TAS-SAMRA

Il-knisja tal-Madonna tas-Samra fil-Ħamrun, kienet l-ewwel bini li kien jeżisti fit-triq li mill-bieb tal-Bombi (allura b'bieb wieħed u bħal fortizza żgħira quddiemu) kienet tieħdok



**Il-batterija f'riġlejn l-Għolja tal-Ġiżwiti, il-Marsa qed tispara, filwaqt li l-bastimenti tal-gwerra Ingliżi kienu qed jimblukkaw lill-Franċiżi fid-daħla tal-Port il-Kbir.**



Pittura ta' kważi żmien il-Franċiżi f'Malta li turi l-inħawi tal-Belt minn fuq l-Għolja tas-Samra. Fin-naħa t'isfel tal-kwadru hemm Casa Placas, fejn ir-raħħala Maltin immassakraw lill-Kavallier Bosredon Vatunges fl-ewwel jiem tar-rewwixta.
(*Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, Valletta*)



Sir Alexander Ball u Brigadier-General Thomas Graham jispezzjonaw it-trunċieri tal-Maltin fil-Marsa.



**Id-dar qadima ħdejn il-knisja Tas-Samra, fil-Ħamrun, fejn il-Kanonku Caruana waqqaf il-kamp tiegħu.**

għall-Imdina u r-Rabat, u meta l-Maltin qatgħu l-kommunikazzjoni tal-Franċiżi mill-bqija tal-kampanja, ġiebu b'sagrifiċċju u tbatija liema bħalha, xi kanuni tal-ħadid u tal-bronż li sabu fil-fortizzi u fit-trunċieri ta' ħdejn ix-xtut u poġġewhom fuq tas-Samra, ippuntati lejn il-Bieb tal-Bombi.

Fl-istess waqt bnew bħal speċi ta' linja ta' fortifikazzjoni bil-ġebel tas-sejjieħ, barra s-swar, li kienet tibda minn biswit il-fortizza ta' Tignè f'tas-Sliema, tinżel il-Gżira, faċċata tal-Forti Manoel, tibqa' sejra sa Ta' Xbiex, faċċata tal-Furjana, in-naħa ta' Marsamxett, tgħaddi mill-Imsida u tal-Pietà u l-Blata l-Bajda u tinżel il-Menqa, il-Marsa, titla' Kordin, tgħaddi minn fejn illum hemm il-Fgura, barra Ħaż-Żabbar sa fejn il-fortizzi ta' San Leonardu u tal-Grazzja fix-Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar.

B'dan kollu qed naraw li l-Maltin għalqu lill-Franċiżi ġewwa s-swar u l-kampanja kollha, inklużi l-Imdina u aktar tard Għawdex, kienu f'idejhom. Ma għandniex xi ngħidu biex jimblukkawhom mill-baħar il-barra u ma jħalluhomx iġibu l-għajnuna u l-provvisti, il-

Maltin sejħu lill-ikbar għedewwa ta' fuq il-baħar li kellhom il-Franċiżi, jiġifieri l-Ingliżi. Iżda xi ħaġa ftit magħrufa hija li mhux l-Ingliżi ġew l-ewwel biex jgħinuna nimblukkaw lill-Franċiżi fil-portijiet, imma kienu l-Portugiżi taħt l-Ammirall De Nizza, li jaħasra telqu ftit qabel ċedew il-Franċiżi fl-4 ta' Settembru, 1800 u għaldaqstant ftit ingħataw ġieħ kif kien jixirqilhom tal-għajnuna li tawna f'dik is-siegħa tal-bżonn.

## IL-FORTIZZI LI BNEW IL-MALTIN

Issa ħa nerġgħu lura lejn il-fortizzi li bnew il-Maltin biex jiddefendu l-pożizzjonijiet tagħhom. Kif għidt, l-iktar post qrib il-bieb prinċipali tal-Bombi, kienet l-Għolja tas-Samra u l-Kwartieri Ġenerali tal-Maltin kienu f'San Ġużepp, f'Casa Leone. Imma l-linja li kienet tifred liż-żewġ naħat kienet fil-Blata l-Bajda, fejn Mastru Cachia taż-Żejtun ħaffer bħal speċi ta' foss li kien jaqsam mill-Menqa tal-Marsa sa tal-Pietà. Sa dak iż-żmien kien jeżisti fil-Menqa ċimiterju ta' l-ilsiera Torok li kien hawn Malta u·ma ninsewx li dik li qed insejħulha l-Menqa ma kenitx dik il-menqa li nafuha aħna, li kienet tħaffret snin wara fi żmien l-Ingliżi għat-tiswija u l-kenn tal-braken meta nbena l-Porto Novo fl-aħħar nofs tas-seklu l-ieħor u li mbagħad b'hekk kienet ippopolizzata l-Marsa.

Bħala parti minn dawn il-fortifikazzjonijiet, il-Maltin bnew ħafna fortizzi f'postijiet adattati u strateġiċi. Fosthom insemmu dik tal-Kappara li tħares fuq il-forti Manoel, dawk ta' Ta' Xbiex u ta' fuq l-Għolja ta' Gwardamanġa fuq il-port ta' Marsamxett, dik Tal-Borġ (flok il-ground Pace Grasso), li tiġi fuq Bormla, dik ta' Kordin fuq il-Port u dik tal-Marsa fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti, li kienet tikkontrolla t-tul tal-port kollu. Infatti tant kienet ta' xewka għall-Franċiżi din il-fortizza tal-Marsa li meta bdiet tispara, il-Franċiżi kellhom ineħħu l-bastimenti tagħhom min-nofs il-port u jrekknuhom kif setgħu għall-kenn tas-swar bejn l-Isla u l-Birgu. Imma l-Maltin xorta baqgħu jisparaw u jimmiraw lejn l-arbli tax-xwieni li baqgħu jidhru minn wara l-Isla.

Kif jaf kulħadd, din il-fortizza tal-għolja tal-Ġiżwiti fil-Marsa, reġgħet ingħatat ir-ruħ



**L-iħawi ta' fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti li kellha sehem kbir fl-imblokk tal-Franċiżi mill-Maltin. Ritratt meħud fi żmenijietna li juri d-dar u r-razzett ta' Ġużeppi u Ġanni Grech ta' Sidor. Dan hu l-eqdem bini f'dawn l-inħawi.**



**Ritratt tal-Port il-Kbir meħud fi żmenijietna minn taħt l-Għolja tal-Franċiżi, fejn kien hemm il-Batterija tal-Maltin fl-imblokk tal-Franċiżi fl-1800.**

fl-aħħar Gwerra Dinjija (1939–1945) meta terġa' tissemma b'mod l-aktar patrijottiku għax xi nisa mill-Marsa kienu jgħinu lis-suldati billi jnewlulhom il-balal tal-kanuni. Nispera li xi ħadd jiftakar għemilhom u jirrikonoxxihom b'xi dekorazzjoni adattata.

## IL-MALTIN ĦADU L-PAJJIŻ F'IDEJHOM

Ħaġa li għaġġbet lil kulħadd f'dan l-imblokk kienet id-determinazzjoni u l-qlubija tal-Maltin missirijietna li ma qiesu xejn u fi ftit jiem organizzaw ruħhom biex imexxu lil pajjiżhom f'dik is-siegħa tal-prova. Inħatru l-mexxejja u l-ġenerali, bħal Ċensu Borg Braret ta' Birkirkara, in-Nutar tar-Rabat, Emanuel Vitale u Mons. Franġisku Saver Caruana ta' Ħaż-Żebbuġ. Għawdex kien immexxi mill-Arċipriet tal-Matriċi, Mons. F.X. Cassar. Kien imlaqqa' Kungress Nazzjonali biex jamministra l-pajjiż sew militarment kif ukoll ċivilment. Intbagħtu rappreżentanti barra biex jispjegaw il-pożizzjoni prekarja li kien jinsab fiha l-pajjiż u talbu l-għajnuna immedjata biex jitimgħu lill-poplu li kien qed imut bil-ġuħ għax il-qamħ kollu kien f'idejn il-Franċiżi mis-swar il-ġewwa.

Għaldaqstant wieħed jista' jgħid li mitejn sena ilu, Malta bħal speċi kienet kisbet l-indipendenza tagħha biċ-ċarċir ta' demm uliedha u fil-fatt, meta fl-aħħar, wara assedju ta' sentejn il-Franċiżi ċedew għax spiċċaw bla ikel ġewwa l-ibliet, kienu l-Maltin li talbu minn jeddhom lill-Ingliżi biex jibqgħu fostna u dan jikkonferma li Malta ma kenitx mirbuħa bħal xi kolonja oħra imma l-Maltin għax hekk kien jaqblilhom fiċ-ċirkostanzi, minn jeddhom talbu l-protezzjoni ta' l-Ingilterra.

## XEMPJU TA' PATRIJOTTIŻMU KBIR

Din il-paġna ta' l-istorja ta' Malta li qed infakkru din is-sena hija xempju eżemplari ta' patrijottiżmu kbir ta' missirijietna għall-imħabba ta' art twelidna li ġustament tista' tissejjaħ il-bidu jew iż-żerriegħa tal-Maltin li wara ħafna snin oħra tatna r-riedni f'idejna biex finalment ksibna l-Indipendenza u l-Ħelsien. Għaldaqstant ġustament f'dan l-anniversarju għandna nagħtu ġieħ lil dawk missirijietna li ċarċru demmhom biex issa aħna qegħdin ingawdu l-frott tas-sagrifiċċju suprem tagħhom.

Min qatt jista' jispjega u jifhem il-ġuħ, it-twerwir, il-faqar, il-mard, is-serq, l-ansjetà u l-mewt li raw ma' wiċċhom ta' kuljum. Batew fuq li batew dawn niesna f'dan l-assedju ta' sentejn sħaħ u Alla biss jaf minn x'hiex għaddew. Ma ninsewx li din kienet l-aħħar darba fl-istorja twila u interessanti ta' Malta li l-għadu kien fostna jiġri ma' saqajna, differentement mill-aħħar gwerra, meta għadu qalil ieħor kien jitfagħlna l-bombi mill-ajru.

Il-Franċiżi sa mill-bidu li rifsu f'artna ddesekraw in-nisa u x-xebbiet tagħna. Serqu l-knejjes u l-proprjetà privata u wara biss tliet xhur il-Maltin splodew, qamu u qalu daqshekk għal din it-tirannija. Iżda dan ġieb konsegwenzi kbar u l-Maltin issa kellhom joħorġu ta' rġiel u qatt ma ħarsu lura f'din ir-rewwixta patrijottika sa ma fl-aħħar wasal jum ir-rebħa u l-għadu telaq minn fejn ġie, imbellah, li dan il-poplu fqir u njorant, kif kienet Malta mitejn sena ilu, qatt seta' jkun daqshekk determinat u patrijottiku. Jaħasra kemm hemm xi tgħid dwar din il-ġrajja. Iżda nispera issa, li dan l-anniversarju ta' din is-sena, jekk xejn, iservi biex nitgħallmu napprezzaw din il-ġrajja u nagħtuha l-ġieħ kollu li jixirqilha.

Biex nagħlaq insemmi punt żgħir f'din il-ġrajja b'konnessjoni indiretta mal-Marsa. Fit-tieni volum, paġna 226 tal-kotba ferm interessanti ta' Dr C. Testa dwar dan is-suġġett bl-isem *"Maż-Żewġ Naħat tas-Swar"*, insibu li meta Ċensu Borg Braret inzerta tela' l-Imdina, nhar it-2 ta' Settembru, 1798 (proprju meta bdiet din il-ġrajja) għax kellu xi kawża dwar xi żrieragħ, kellu miegħu lil ċertu Ġużeppi Ozzini. Issa aħna lkoll nafu li "Ozzini" huwa l-kunjom ta' xbubit il-mara ta' Lorenzo Balbi, li bena l-knisja tal-Marsa u peress li dan mhux xi kunjom komuni wisq probabbli li seta' kien missierha jew nannuha. Forsi xi ħadd għad jindaga iktar dwar dan u xi darba nkunu nafu min kien sewwa.

Mhux ta' b'xejn li qabel ma telaq minn Malta, proprju fl-aħħar ġurnata, il-Ġeneral Vaubois li mexxa l-Franċiżi kemm damu Malta, talab lill-famuż kompożitur Malti Nikolò Isouard biex isemmgħu għall-aħħar darba d-daqq ta' l-orgni ta' San Ġwann u nistħajjel li beka li kellu jitlaq minn din il-gżira, illi kieku l-Franċiżi għarfu jmexxu b'aktar għaqal, forsi l-istorja kienet tkun ferm differenti. Imma fid-dinja dejjem hekk kien: "il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi!"